MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru 81/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ray D'Anastas)**

**vs**

**John Bartolo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John Bartolo** ta' 54 sena, bin Carmel u Emilia *nee'* Camilleri, imwieled marsa, residenti 97, 'Alametto Flts', Triq il-Wied, Mosta, or Vella Falzon Ltd, Triq il-Bankiera, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' numru 547150M;

Talli fit-3 ta' Novembru, 2004, ghall-habta ta' xi 15.30Hrs, gewwa l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi;

1. ingurjajt jew heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta\ Dr. Anton Farrugia Sacco LL.D., liema persuna hija nkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew inkella minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;
2. u aktar talli ksirt il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provediment li hemm fl-art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-art. 95 u 338 (dd) Kap 9;

Semghet l-apologija tal-imputatu rat il-fedina penali tieghu;

Ghalhekk tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' Lm20u jobbligah ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Dr. Anton Farrugia Sacco LL.D. fuq penali ta' Lm100 multa fin-nuqqasghal zmien sena (1) mil-lum skond l-art. 383 tal Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------